MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2004

Numru 504/2004

PULIZIJA
SPETTUR RAYMOND AQUILINA U SPETTUR ALFRED MALLIA

VS

DUNCAN HALL
DARREN BONNICI
INGRID BONNICI
`

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Duncan Hall, iben Joseph u Irene imwielda Caruana, imwieled Pieta, Malta fl-4 ta’ Jannar, 1982 u residenti 67,

Triq Polverista, Bormla u detentur tal-karta tal-identita numru 46882 (M);

U kontra Darren Bonnici, iben Louis u Rose imwielda Testa, imwieled Pieta, Malta fit-8 ta' Ottubru, 1981, residenti Marlou, Triq il-Qaliet, Marsascala u detentur tal-karta tal-identita numru 558981(M);

U kontra Ingrid Bonnici, bint Louis u Rose imwielda Testa, imwielda Pieta, Malta fl-14 ta' Marzu, 1983, residenti gewwa Dhalia, Triq il-Qaliet, Marsascala u detentrici tal-karta tal-identita numru 210583 (M);

Talli f'dawn il-gzejjer, bejn Mejju tas-sena 2004 u Gunju tas-sena 2004 u fix-xhur precedenti, traffikaw persuni tal-eta cioe Marina Morozova u Natalia Genrihovna bil-ghan li dawk il-pesuni jigu sfruttati ghall-prostituzzjoni billi taw jew ircevew hlasijiet jew beneficcji sabiex jottjeni l-kunsens tal-persuna li kellha l-kontroll fuq pesuna ohra;

U aktar talli, f'dawn il-gzejjer, fix-xahar ta' Gunju tas-sena 2004 u fix-xhur precedenti, b'diversi atti maghmulin minnhom, ukoll jew fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a) Xjentement ghexu ghal kollox jew in parti mill-qliegh tal-prostituzzjoni ta' pesuni ta' nazzjonalita barranin,

b) Zammew jew ezercitaw jew kellhom sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet ohra immorali,

Lil Duncan Hall, Darren Bonnici u Ingrid Bonnici;

Talli bhala s-sidien jew li ghandhom taht idejhom l-amministrazzjoni ta' dar jew fond Marlou, Triq il-Qaliet, Marsascala, xjentement taw b'kiri, jew ippermettew l-uzu ta' dan il-post ghal skop ta' prostituzzjoni;

Wara illi rat l-Artikoli 248 B tal-Kap 9 u l-Artikoli 7, 8 u 10 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

U wara illi rat l-ammissjoni bikrija tal-imputati;

Semghet lill-abli difensuri tal-imputati u l-abli ufficcjali prosekuturi jittrattaw il-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi r-reat ikkontemplat fl-att tal-akkuza hu, fil-fehma ta' din il-Qorti, wiehed mill-aktar reati gravi u serji fid-Dritt Penali kollu. Ir-reat ta' traffikar ta' persuni, ghal skopijiet ta' prostituzzjoni huwa forma ta' viljakkerija u meskinita' tal-aktar livell baxx. La pesuna tezercita kontroll assolut fuq persuna ohra b'tali mod li dik il-persuna hija mcahhda ghal kollox mil-liberta' u dinjita' taghha sabiex taghmel il-flus minn fuqha hija depregevoli ghall-ahhar u ghal kollox kundannabbli. Huwa ghalhekk li l-legislatur ipprovda ghal piena massima ta' disa' snin prigunerija. Din il-piena effettivament turi l-gravita' tar-reat in proporzjon mat-terminu ta' karcerazzjoni applikabbli ghall-kaz.

Madanakollu, fil-konfront tat-tlett imputati, odjerni, jezistu tlett fatturi li jimmitigaw favur tnaqqis sostanzjali tal-piena. Dawn huma:

1. il-fedina penali ghal kollox netta tat-tlett imputati;

2. l-ammissjoni bikrija tal-istess imputati u l-kooperazzjoni shiha mal-pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni tal-kaz;

3. il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna fil-konfront tal-imputati li jkunu ammettew fi stadju bikri tal-proceduri.

Din il-Qorti ser tghaddi biex titratta kull fattur sabiex tasal ghas-sentenza  taghha.

Fl-ewwel lok, gha-rigward ta’ fedina penali, din tidher li hi ghal kollox netta ghat-tlett imputati. L-eta tenera taghhom ukoll hija indikattiva f’dan ir-rigward. Jidher ghalhekk li dan kien l-ewwel reat li l-imputati qatt wettqu u ghalkemm dan ir-reat jibqa’ wiehed mill-aktar serji, l-imputati xorta ghandhom jibbenefikaw minn riduzzjoni fil-piena minhabba fil-fedina penali netta taghhom. Din ma tfissirx li l-imputati jistghu jgawdu minn xi immunita’ minhabba fil-passat nadif taghhom. Fil-fehma tal-Qorti huwa mportanti li l-imputati jifhmu s-serjeta’ tar-reat li huma wettqu u ammettew ghalih. Daqshekk importanti wkoll hu li l-imputati jiehdu taghlima minn dawn il-proceduri u ma jergghux jiksru l-ligi bil-mod li ghamlu. Il-fedina penali hija biss indikazzjoni ghall-Qorti tal-imgieba passata tal-imputati fil-konfront tal-ligi.

Fit-tieni lok, l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-procedura, addirittura meta huma kienu ghadhom qed jigu nterrogati qabel ma tressqu l-Qorti akkuzati b’dan ir-reat. Barra min hekk, huma wkoll ikkooperaw bis-shih mal-ufficcjali tal-Pulizija fl-istadju tal-investigazzjoni u ghalhekk jidher li l-ammissjoni taghhom ma kinitx biss ghazla strategika ghall-finijiet ta’ piena, izda keient turija ta’ ndiema ghar-reat li wettqu. Ghalhekk ukoll l-imputati ghandhom jibbenefikaw minn tnaqqis fil-piena.

Fit-tielet lok, il-Qrati taghna ghandhom gurisprudenza kostanti f’dawn l-ahhar snin fejn l-imputati jinghataw tnaqqis fil-piena meta huma jkunu ammettew fi stadju bikri tal-proceduri kontrihom ghar-reati li taghhom huma akkuzati.

Din hija wkoll il-prassi fi Qrati f’gurisdizzjonijiet ohra. Il-hsieb hu li imputat li jkun ammetta mal-ewwel ghal reat ghandu jigi ppremjat billi ma jehilx il-massimu tal-piena. Tibqa’ pero fid-diskrezzjoni tal-Qorti kemm fil-fatt tonqos il-piena, skond ic-cirkustanzi ta’ kull kaz partikolari.

Din il-Qorti ghalhekk sejra ssegwi din il-Gurisprudenza u timxi fuq dawn il-linji meta tikkunsidra l-piena li ghandha tigi applikata ghal dan il-kaz.

Tenut kont ghalhekk tal-fatturi gia msemmija u tac-cirkustanzi tal-kaz, il-Qorti sejra tirriduci l-piena kif ser jinghad aktar 'l isfel. Li kieku ma kienx ghal dawn it-tlett fatturi li jimmitigaw favur tnaqqis fil-piena, din il-Qorti kienet tikkunsidra bis-shih li l-piena li kellha tinghata kienet tkun vicin il-massimu taghha. Il-messagg li l-Qrati taghna qed jaghtu huwa car: dan li bl-Ingliz nghidu “crime does not pay”. Il-persuni li jittantaw jaqbdu karriera kriminali ghandhom jirrealizzaw li l-pieni applikabbli ghal reati huma tassew iebsin, u l-Qorti qieghda hemm biex tipprotegi lic-cittadini mill-azzjonijiet kriminali ta’ individwi li jithajjru jisfruttaw lil haddiehor biex jiehdu vantagg illecitu minn fuqhom. Dawn l-azzjonijiet huma kollha kundannabbli bis-shih, u din il-Qorti trid li dan il-messagg jasal car hafna lill-pubbliku in generali, izda b’mod specjali lill-imputati.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17 (h) u 248 B tal-Kap 9 u 7, 8 u 10 tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni tal-imputati ssibhom hatja tal-akkuza u tikkundannahom ghal perjodu ta’ prigunerija ta’ sentejn sospizi ghal erba’ snin, taht ordni ta’ supervizjoni mill-Ufficcjali inkarigati mill-Probation ai termini tal-Artikolu 28 G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------